# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 ta' Novembeu 2020

**Rikors Konġunt Numru : 486/2019 JPG**

**Kawza Numru : 5**

**MCM**

**U**

**PG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors konġunt ta' MCM u PG datat 25 ta' Ottubru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet MCM u PG iżżewwġu fit-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991) u minn dan iż-żwieġ kellhom tifel M, li llum huwa maġorenni.*

*Illi l-partijiet isseparaw legalment b'kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Marco Farrugia fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed (2001).*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom.*

*Illi ma hemm ebda kwistjoni dwar manteniment.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jieħu l-passi kollha neċessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2020 (fol 5) intalbet u ġiet awtoriżżata l-korrezzjoni tal-isem l-attriċi li għandu jinqara M.

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MCM** xehdet bil-ġurament (fol 6) illi hija iżżewwġet lill żewġha PG fit-2 ta' Mejju 1991. Din it-testimonjanza ġiet sospiża stante li fil-proċess kien hemm iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet u l-kuntratt ta' separazzjoni personali tal-partijiet nieqsa.

**MCM** xehdet (vide affidavit a fol 13) illi hija iżżewwġet lil żewġha fit-2 ta' Mejju 1991, u li minn dan iż-żwieġ twieled tifel, illum maġorenni. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Marco Farrugia fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed (2001). Xehdet ili ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Finalment xehdet ukoll illi ma hemm l-ebda kwistjoni dwar il-manteniment.

**PG** xehed (vide affidavit a fol 14) u ikkonferma u ikkorabora dak li xehdet martu **MCM.**

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-2 ta' Mejju 1991 (Vide fol 19) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom wild wieħed, illum maġorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia, datat 29 ta' Mejju 2001 ( fol 15 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx arretrati ta' manteniment dovuti bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirriżulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar mill-llum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**